MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta tas-17 ta' Lulju, 2014

Numru. 691/2009

**PULIZIJA**
**SPETTUR**

**VS**

**JOSEPH MAGRO**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Joseph Magro, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 510751 (M).

**Akkuzat talli:**

Fl-14 ta` Dicembru 2008 ghal habta tal-ghaxra u nofs ta` filghodu (10:30hrs), fi Triq Aldo Moro, Marsa, waqt li kien qed issuq vettura bin-numru tar-registrazzjoni BAG 915, saq

1. B’manjiera traskurata, perikoluza u bla kont;

2. U aktar talli b’nuqqas ta` hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta` hila fl-arti jew professjoni jew b’nuqqas ta` tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament, habit u kkaguna hsara f’vettura bin-numru tar-registrazzjoni JUN 722, ghad-dannu ta` James Spiteri u kif ukoll habit u ghamel hsara involontarja fuq vettura bin-numru tar-registrazzjoni LCH 658, ghad-dannu ta` Joseph Fenech;

3. U aktar talli b’nuqqas ta` hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta` hila fl-arti jew professjoni jew b’nuqqas ta` tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaguna feriti ta` natura gravi per durata fuq il-persuna ta` James Spiteri hekk kif iccertifika Dr. Jeffrey Bonnici (5115) mill-MDH, kif ukoll ikkaguna feriti ta` natura gravi fuq il-persuna ta` Carmelo Agius skont kif iccertifika Dr. Jeffrey Bonnici, MD.

Il-Qorti giet gentilment mitluba mill-Prosekuzzjoni titlob li l-istess imputat jigi skwalifikat mill-licenzi kollha tieghu tas-sewqan.

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikoli 328 u 226 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta kif ukoll l-Artikolu 15 (1) (a) (2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti ghaddiet ghas-sentenza fuq l-ammissjoni bikrija tal-imputat.

Illi in ammissjoni volontarja u kkundizzjonata tal-imputat ghall-imputazzjonijiet lilu addebitati mill-prosekuzzjoni, ma jhallu ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief illi ssib lill-imputat hati fuq l-akkuzi li lilu gew addebitati.

Ghaldaqstant, dina l-Qorti tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tmintax (18) il-xahar mil-llum ai terminu tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta kif ukoll timmultah is-somma ta` elf ewro (€1,000) li ghandha tithallas fi zmien sentejn (2) mil-llum.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------